FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju, 2002**

**Numru**

**Avviz. numru 567/02JR**

**Roger Agius**

**vs**

**Andre` Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fit-8 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450.00), rapprezentanti self moghti minnu lill-konvenut, skond skrittura privata ffirmata quddiem in-Nutar Carmel Martinelli fit-28 ta' Dicembru, 2001 (kopja awtentikata ta' liema hi annessa mal-avviz u mmarkata Dok.RA1);**

**Illi nonostante li nterpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' nadempjenti minghajr raguni valida fil-Ligi;**

**Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota prezentata mill-attur fil-25 t'April, 2002, li biha rriduca t-talba ghall-mitejn lira Maltija (Lm200.00) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Tanya Sammut ghall-attur li kkonfermat li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-**

**somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**